MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 663/2007

**Martin Cassano**

**Vs**

**Carmelo Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit- 3 ta' Settembru 2007 fejn l-attur qieghed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Carmelo Sammut ihallas is-somma komplessiva ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti bilanc parti minn somma akbar, prezz ta' *Marine Generator* mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenut. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut tas-16 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghar-ragunijiet segwenti – (1) illi l-

konvenut xtara l-imsemmi Marine Generator minghand l-attur ghall-prezz ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), minn liema l-konvenut hallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600), (2) illi xi zmien wara li sar dan il-bejgh irrizulta li dan il-*Marine Generator* ghandu hsarat konsiderevoli u l-anqas jista' jissewwa, kwindi dan il-*Marine Generator* m'huwiex tajjeb ghall-uzu li nxtara mill-konvenut u ghalhekk mhuwiex tal-kwalita` pattwita, (3) illi l-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni sabiex jaghmel il-kontro-talba tieghu u (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra l-**kontro talba** tal-konvenut fejn qieghed jitlob lit-Tribunal jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600) rapprezentanti parti tal-prezz tal-*Marine Generator* mibjugh lill-konvenut, liema *generator* ghandu hsarat konsiderevoli u lanqas jista` jissewwa, u kwindi mhuwiex tajjeb ghall-uzu li nxtara mill-konvenut u ghalhekk mhuwiex tal-kwalita` pattwita;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali mid-data tal-hlas sa l-effetiv pagament, kontra l-attur rikonvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-**risposta** ghall-kontro-talba fejn fiha l-attur eccepixxa illi l-azzjoni fil-kontro talba kif postulata mill-konvenut ghar-rifuzjoni ta' flus stante li allegatament l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita hija llum preskritta skond il-ligi, u dan skond l-Ariklu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta hekk kif infikat fin-nota ta' l-attur ipprezentata nhar it-30 ta' Jannar 2008;

Fil-mertu mhux minnu il l-*generator* mibjugh ma' huwiex tajjeb ghall-uzu li nxtara u Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

**Ikkunsidra** :

Illi xehed **Anthony Bonnici**, prodott mill-attur nhar it-30 ta’ Jannar 2008 fejn ikkonferma illi kien biegh il-*marine generator* lil Martin Cassano. Meta sar il-bejgh, il-*generator* kien fi stat li kien jahdem u inoltre` huma kienu ppruvawh.

Illi xehed **Christian Cassano**, prodott mill-attur nhar it-30 ta’ Jannar 2008, fejn ikkonferma illi qabel ma l-konvenut xtara l-*generator dan* kien ippruvat kemm ghand *electrician* u kemm fil-garaxx ta’ missieru, fil-prezenza tieghu, ta’ l-attur, ta’ l-*engineer,* ta’ certu Stephen. Ix-xhud qal illi l-*generator* kien jahdem tant li l-konvenut qal lill-attur illi kien lest jixtrih, u inoltre kien tah xi depozitu. Kien wara xi sitt (6) xhur li l-konvenut ilmenta li l-*generator* ma kienx tajjeb u meta ilmenta ma’ l-attur fuq hekk, l-attur stess offra li jaghtih il-kapparra lura u jiehu l-*generator,* liema offerta giet rifjutata mill-konvenut.

Illi xehed ukoll l-attur **Martin Cassano** nhar it-30 ta’ Jannar 2008 fejn ikkonferma li kien biegh *marine generator second hand* lill-konvenut ghall-prezz ta’ tmin mitt Liri Maltin (Lm800) wara li hu kien ippruvah fil-garaxx tieghu stess. Ix-xhud stqarr ukoll illi wara xi xahar, il-konvenut kien infurmah illi l-*generator* kien difettuz u, wara li kien mar jarah kemm personalment kif ukoll ma tnejn min-nies, l-attur offra li jaghtih lura l-kapparra, liema offerta giet rifjutata mill-konvenut. Finalment ikkonferma ukoll li l-hames mitt Lira (Lm 500) li qed jitlob fl-avviz ghadhom dovuti lilu;

Illi xehed il-konvenut **Carmelo Sammut** nhar it-22 t’April 2008 fejn ikkonferma li wara li kien xtara l-*generator* ta’ tip 10KVA minghand l-attur kien innota li ma kienx jahdem. Inoltre, hu stqarr ukoll li ghandu, il-*generator* qatt ma hadem ghajr ghal xogholijiet zghar pero` meta pprova jhaddem il-kompressur mieghu, evidentement il-*generator* ma felahx u kien ghalhekk illi kellu jigi jarah *engineer* liema *engineer* ikkonferma illi l-*generator* qatt ma kien tajjeb ghall-iskopijiet tal-konvenut peress li ma kienx jiggenera *power* sabiex ihaddem il-magna u affarijiet ancillari fuq l-istess dghajsa.

Ix-xhud spjega ukoll li hu effettivament kien hareg sitt mitt Lira Maltin (Lm600) in toto peress illi kien hareg tlett mitt lira (Lm300) lill-attur u tlett mitt lira (Lm300) ohra lill Anthony Catania, bi qbil ma' l-attur. Giet esebita DOK AC 1 li hija ricevuta f'dan is-sens.

Illi fl-4 ta' Novembru 2008 xehed l-attur **Martin Cassano** in kontro ezami fejn ikkonferma li l-*generator* gie iccekkjat kemm mill-konvenut kif ukoll min ghandu stess. Inoltre, hu ikkonferma ukoll illi l-konvenut kien ilmenta dwar xi intoppi u cioe` kwistjonijiet ta' elettriku u li hu stess kien ipprovdielu anke n-nies esperti f'dak il-qasam. Illi l-istess xhud cahad l-allegazzjoni li kienet saret fir-rigward li ried ibiddel il-*generator* ma' wiehed ta' Dubai. Ix-xhud spjega illi kien ha depozitu fuq il-*generator* ta' tlett mitt Lira (Lm300) konsistenti f'zewg (2) depoziti ta' mitt lira (Lm100) fl-ewwel xahar u mitejn lira (Lm200) wara t-tieni xahar. Pendenti it-trattattivi, l-konvenut kien talbu sabiex jirrifondi lura sitt mitt lira (Lm600) minhabba xi dejn li kellu ma' haddiehor.

Illi fid-29 ta' April 2009 xehed **Maurice Sammut**, prodott mil-konvenut fejn ikkonferma illi kien intbaghat mill-attur sabiex jaqlalu l-*generator* mid-dghajsa tieghu.

Illi fid-29 ta' April 2009 xehed **Anthony Caruana**, prodott mil-konvenut li ikkonferma illi kien biegh magna lill-attur pero` ma kienx hallsu. Ix-xhud jaghmel riferenza ukoll ghall-qbil li kienu ghamlu Carmelo Sammut, Martin Cassano u hu sabiex issir cessjoni ta' dejn ta' bejniethom u cioe` il-partijiet qablu illi l-karta tal-magna illi x-xhud u cioe` Anthony Caruana kien biegh lil Martin Cassano jghaddiha lil Carmelo Sammut u x-xhud jithallas billi jiehu tlett mitt Lira (Lm300) minghand Carmelo Sammut, liema somma kienet parti minn somma ikbar dovuta mill-istess Carmelo Sammut lil Martin Cassano fuq il-magna mixtrija. Di fatti ix-xhud, ikkonferma illi Carmelo Sammut hallsu tlett mitt Lira (Lm300) u kien tah ircevuta rigward dan il-pagament.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ €1164.68 (gja Lm500) rappresentanti bilanc minn somma akbar u prezz ta’ generator mibjugh lill-konvenut.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jsostni illi mill-prezz ta’ Lm800 (€1863.49) gja kien hallas Lm600 (€1397.62) u ghalhekk se mai kien fadal biss bilanc ta’ Lm200 (€465.87). Di piu` jsostni ukoll illi l-generator ma kienx tal-kwalita` pattwita ghax mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih inxtara. Di fatti, l-konvenut iressaq kontro-talba ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm600 (€1397.62) – l-flus minnhu mhallsa akkont tal-generator.

Minn naha tieghu, l-attur jecepixxi ghall-kontro-talba l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 1431 tal-Kap 16.

Illi huma dawn l-issues principali li dan it-Tribunal irid jirrizolvi sabiex jaghmel gudizzju.

Qabel xejn, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur ghall-kontro-talba, jinghad illi l-Artiklu 1431 jippreskrivi eghluq ta’ sena minn dak in-nhar tal-kuntratt. It-Tribunal jinnota illi l-attur ma ressaq ebda prova in sostenn ta’ din l-eccezzjoni, lanqas id-data tal-bejgh tal-generator ma giet stabbilita` mill-provi. Anzi, xhud prodott mill-istess attur, Anthony Bonnici, li xehed fit-30 ta’ Jannar 2008 u li kien biegh il-generator lill-attur, ighid illi l-kuntratt ta’ bejgh tieghu ma’ l-attur kien sar “xi zmien is-sena l-ohra”. Dan kien Jannar 2008 u jekk Bonnici biegh lil Cassano f’xi zmien fis-sena 2007 u l-kontro-talba tressqet fis-16 ta’ Ottubru 2007, allura huwa presumibbli illi l-azzjoni tal-konvenut bil-kontro-talba tieghu mhix preskritta.

Jibqa` ghalhekk jigi deciz jekk humiex dovuti lill-attur is-somma ta’ Lm500 (€1164.68) kif qed jirriklama hu, jew inkella ta’ Lm200 (€465.87) kif qed jikkontendi l-konvenut, u dan dejjem jekk it-talba ghar-rexissjoni tal-bejgh kif maghmula fil-kontro-talba ma tigix milqugha.

Appuntu dwar il-kontro-talba, irid jinghad illi t-Tribunal jinsab sodisfatt, mill-assjem tal-provi migbura, illi l-

konvenut ipprova il-generator qabel ma xtrah, mhux biss, izda addirittura anke permezz tal-engineer ta’ l-istess konvenut. Fatt dan, illi ma jidhirx illi gie kkontestat mill-konvenut inniffsu. Fil-fatt hu stess ighid illi “hija verita` illi meta mort narah jiena haddimna fuqu affarijiet zghar bhal ma huma driller u grinder”. Hu ighid illi l-problemi inqalghu meta qabbad affarijiet akbar bhal generator. Tenut kont dan il-fatt, it-Tribunal ihoss illi l-konvenut kien messu ra qabel illi l-generator illi huwa kien qed jixtri kien jissodisfa l-bzonnijiet tieghu. Minn mkien lanqas ma jirrizulta illi l-attur wieghed kompressur ghal bzonn li kien lilu gie specifikat mill-konvenut, u l-attur qarraq bil-konvenut u tah kompressur mhux tajjeb ghall-iskop li ghalih l-konvenut riedu.

Filwaqt illi jigi nnutat ukoll illi l-kompressur ma giex depositat taht l-awtorita` tal-Qorti u jidher illi ghadu fil-pussess u ghall-konsum tal-istess konvenut, it-Tribunal sejjer ghalhekk jichad il-kontro-talba.

Dwar il-quantum, ossia jekk mhux Lm500 jew Lm200 – il-bilanc li ghad fadal jigbor u jithallas l-attur, it-Tribunal isib konfort fix-xhieda ta’ l-istess attur li ighid li rcieva LM300 minghand il-konvenut u kif ukoll f’DOK AC1 kif anke kkonfermata mill-istess Anthony Catania, li turi illi l-konvenut hallas Lm300 lill-istess Catania, u dan bi qbil ma’ l-attur Cassano. B’hekk it-Tribunal ma jsib ebda esitazzjoni illi jaqbel mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara illi s-somma li ghad fadal tithallas lill-attur hija dik ta’ Lm200 (€465.87).

GHALDAQSTANT, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet u ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, jaqta u jiddeciedi billi :

(1) Jichad t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.
(2) Jichad l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba ta’ l-attur.
(3) Jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u t-tieni eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba` mija u hamsa

u sittin Euro u seba` u tmenin centezmu (€465.87) – gja Lm200, ghar-ragunijiet msemmija fl-avviz.

Bl-ispejjes illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jinqassmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet u bl-imghax li jibdew jiddekorru mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------